MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 45/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Vassallo**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuża miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Paul Vassallo, detentur tal-karta tal-identita` numru 352465(M) talli nhar l-24 ta' Settembru 2007 għall-ħabta ta' 15:00 hours ġewwa għalqa f'Attard.

(1) bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-minuri *Omissis*, tifla ta' sbatax-il sena tas-sess il-wieħed jew l-ieħor;

(2) fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi b'egħmil żieni, ikkorrompa lill-istess minorenni;

(3) fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-istess *Omissis* kontra l-volonta` tagħha u dan bħala mezz biex hi tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa, jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

(4) ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq l-istess minorenni *Omissis*;

(5) fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, offenda l-pudur jew morali b’egħmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost għall-pubbliku.

F’każ ta’ ħtija l-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta` ta’ *Omissis* u l-familja tagħha ai termini ta’ l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-16 ta’ Jannar 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Paul Vassallo ħati tal-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjonijiet, mhux ħati tat-tielet u raba’ imputazzjonijiet li minnhom illiberatu, u wara li rat l-artikoli 17, 198, 203(1)(b), 209, 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, ikkundannat lill-imsemmi Paul Vassallo għal erba’ (4) snin priġunerija li minnhom irid jitnaqqas iż-żmien li qatta’ f’arrest preventiv. Inoltre dik il-Qorti ordnat il-ħruġ ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur il-minuri *Omissis* u kontra l-istess Paul Vassallo għal perijodu ta’ tliet snin bil-kondizzjoni li ma jkellimx, ma javvicinax u ma jimmolestax lill imsemmija minuri, u dan wara li qieset il-konsiderazzjoni elenkati fis-subinciz (4) ta’ l-istess artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta’ Paul Vassallo ppreżentat fis-26 ta’ Jannar 2012 fejn talab lil din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata jew, alternattivament, tirriformaha billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberatu mit-tielet u mir-raba` imputazzjonijiet u tirrevokaha fil-bqija jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni dwar l-ewwel aggravju; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Paul Vassallo huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellata hija nulla in kwantu ngħatat f'data differenti minn dik indikata fl-istess sentenza; (2) li, mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċedenti, l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti kien għal kollox parzjali u nieqes mill-oġġettivita` tant neċessarja f'każijiet bħal dawn; (3) li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, lanqas remotament ma jista' qatt jirriżulta r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni; (4) li mill-fatti kif rakkontati kemm mill-appellant kif ukoll minn *Omissis*, irriżulta ċar li l-atti allegati ma ġewx kommessi la fil-pubbliku u lanqas f'post espost għall-pubbliku; (5) li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, il-piena erogata hija gravuża tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

**6.** Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel aggravju ta' l-appellant li permezz tiegħu qiegħed jissottometti illi s-sentenza appellata hija nulla in kwantu ngħatat f'data diversa minn dik indikata fl-istess sentenza. Effettivament jidher ċar li s-sentenza dattilografata uffiċjali fl-atti (a fol. 243 *et seq.*) iġġib d-data tas-16 ta' Jannar 2011. Mill-verbal a fol. 242 jirriżulta li s-sentenza f'dan il-każ ingħatat fis-16 ta' Jannar 2012. Jiġifieri d-data fis-sentenza dattilografata hi żbaljata.

**7.** F'dar-rigward id-difiża għamlet referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fis-26 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Camilleri** u għas-sentenza mogħtija wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ismail Guclu** fejn is-sentenzi appellati kellhom data żbaljata u ġew annullati u rimessi lill-Ewwel Qorti sabiex tingħata sentenza bid-data korretta.

**8.** Din il-Qorti taqbel li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata iżda tirreferi għall-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi: **"Jekk il-qorti superjuri ssib**

**li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma’ l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta’ nullità, jew li tkun xort’oħra sostanzjali.”** In-nuqqas f’dan il-każ għandu jitqies bħala nuqqas sostanzjali. Konsegwentement is-sentenza appellata sejra tiġi annullata u din il-Qorti tipproċedi bis-smiegħ fil-mertu.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u tordna l-prosegwiment fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------